



Dokument ta' sessjoni

B9-0270/2020

14.9.2020

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tnejn tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew, b'enfasi fuq l-eskalazzjoni perikoluża u r-rwol tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (2020/2774(RSP))

Michael Gahler, Kris Peeters, David McAllister, Antonio López-Istúriz White, Manolis Kefalogiannis, Vangelis Meimarakis, David Lega, Loucas Foulas, Lefteris Christoforou, Anna-Michelle Asimakopoulou
fisem il-Grupp PPE

B9-0270/2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tnejn tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew, b'enfasi fuq l-eskalazzjoni perikoluża u r-rwol tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (2020/2774(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-dibattitu tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2020 dwar l-istabbiltà u s-sigurtà fil-Lvant tal-Mediterran u r-rwol negattiv tat-Turkija, – wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE (Gymnich) tat-28 ta' Awwissu 2020,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tas-16 ta' Awwissu 2020 dwar attivitajiet ġodda ta' tħaffir mit-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran,
- wara li kkunsidra r-rimarki li saru mill-VP/RGħ Borrell fil-konferenza stampa wara l-laqgħa tiegħu mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Tork Mevlut Çavuşoğlu fis-6 ta' Lulju 2020,
- wara li kkunsidra r-rimarki li saru mill-VP/RGħ Borrell wara l-laqgħa tiegħu mal-Ministru għad-Difiża Grieg Nikolaos Panagiotopoulos fil-25 ta' Ġunju 2020,
- wara li kkunsidra r-rimarki li saru mill-VP/RGħ Borrell wara l-laqgħa tiegħu mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Ċiprijott Nikos Christodoulides fis-26 ta' Ġunju 2020,
- wara li kkunsidra d-dritt internazzjonali konswetudinarju rilevanti u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS), b'mod partikolari billi ttieħdet nota tal-Parti V dwar id-delimitazzjoni taż-żoni ekonomiċi esklussivi (ŻEE),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2018, tat-28 ta' Ġunju 2018, tat-22 ta' Marzu 2019, tal-20 ta' Ġunju 2019, tat-12 ta' Diċembru 2019 u l-konklużjonijiet rilevanti preċedenti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17-18 ta' Ottubru 2019 dwar l-attivitajiet ta' tħaffir illegali tat-Turkija fiż-ŻEE ta' Ċipru;
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Turkija, b'mod partikolari dawk tal-24 ta' Novembru 2016 dwar ir-Relazzjonijiet UE-Turkija¹, u tat-13 ta' Marzu 2019 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2018 dwar it-Turkija²,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE tal-

¹ ĠU C 224, 27.6.2018, p. 93.

² Testi adottati, P8_TA(2019)0200.

15 ta' Mejju 2020 u tal-14 ta' Awwissu 2020 dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran,

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew wara l-vidjokonferenza tal-membri tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Awwissu 2020,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-Turkija hija pajjiż kandidat u sieħba importanti tal-UE u, bħala pajjiż kandidat, hija mistennija tirrispetta l-ogħla standards tad-demokrazija, inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluż fil-konformità tagħha mal-konvenzjonijiet internazzjonali;
- B. billi t-Turkija hija alleat tan-NATO u għandha tkun imhegħga tissodisfa l-potenzjal tagħha fil-preservazzjoni tal-istabbiltà fir-reġjun;
- C. billi, sa mill-iskoperta ta' riżervi ta' gass naturali 'l barra mill-kosta fil-Lvant tal-Mediterran fil-bidu tas-snin 2000, it-Turkija sfidat lill-ġirien tagħha fir-rigward tad-dritt internazzjonali u d-delimitazzjoni taż-ŻEE tagħhom;
- D. billi f'Jannar 2019, il-gvernijiet ta' Ċipru, l-Eġittu, il-Greċja, l-Iżrael, l-Italja, il-Ġordan u l-Awtorità Palestinjana waqqfu l-Forum tal-Gass tal-Lvant tal-Mediterran, korp multinazzjonali bil-kompitu li jiżviluppa suq tal-gass reġjonali u mekkaniżmu għall-iżvilupp tar-riżorsi;
- E. billi f'Mejju 2019, it-Turkija eskalat it-tensjonijiet filwaqt li baġtet diversi vapuri tat-tħaffir akkumpanjati minn bastimenti militari fl-ibħra territorjali ta' Ċipru; billi, b'riżultat ta' dan, Ċipru u l-Greċja ħarġu mandat ta' arrest għal kull vapur tat-tħaffir Tork li jostakola l-operazzjonijiet tal-gass tagħhom;
- F. billi fil-bidu ta' Ottubru 2019, it-tensjonijiet komplew jiżdiedu meta t-Turkija skjerat wieħed mill-vapuri tat-tħaffir tagħha f'żona fejn Ċipru kien diġà ta drittijiet ta' esplorazzjoni lil kumpaniji internazzjonali taż-żejt;
- G. billi f'Novembru 2019, it-Turkija ffirmat memorandum ta' qbil (MtQ) mal-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali (GNA) tal-Libja rikonnoxxut min-NU, li jiddetermina delimitazzjoni marittima ġdida bejn iż-żewġ pajjiżi; billi l-memorandum inkwistjoni ma jikkonformax mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u jekk jiġi applikat effettivament jaqta' linja diviżorja bejn il-parti tal-Lvant u dik tal-Punent tal-Mediterran, u għaldaqstant jhedded is-sigurtà marittima, l-esplorazzjoni tal-gass u infrastruttura ġdida bħall-pipeline EastMed;
- H. billi fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-MtQ jikser id-drittijiet sovrani ta' stati terzi, ma jikkonformax mal-Liġi tal-Baħar u ma jista' jipproduċi l-ebda konsegwenza legali għal stati terzi;
- I. billi f'Jannar 2020, Ċipru, il-Greċja u l-Iżrael iffirmaw ftehim biex jibnu l-pipeline EastMed li jgħin ukoll fid-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE;
- J. billi fit-2 ta' Ġunju 2020, il-President Tork Recep Tayyip Erdoğan u l-mexxej tal-GNA

Fayez al-Sarraj, qajmu l-possibbiltà ta' stħarriġ dwar it-tħaffir fir-reġjun kollu kopert fil-MtQ bejn it-Turkija u l-Libja;

- K. billi fid-9 ta' Ġunju 2020 f'Ateni, il-Greċja u l-Italja ffirmaw ftehim bilaterali li jiddelimita ż-ŻEE tagħhom fil-Baħar Jonju, estensjoni tal-ftehim eżistenti tal-1977 f'konformità mal-UNCLOS;
- L. billi fl-10 ta' Settembru 2020, il-mexxejja nazzjonali fis-Summit Med7 tal-Istati Mediterranji esprimew appoġġ sħiħ u solidarjetà mal-Greċja u esprimew dispjaċir li t-Turkija ma kinitx wieġbet għat-talbiet ripetuti tal-UE biex ittemm l-azzjonijiet unilaterali u illegali tagħha fil-Lvant tal-Mediterran u fl-Eġew;
- M. billi f'Lulju 2020, immedjatament wara s-summit tal-Kunsill Ewropew, it-Turkija ħarġet NAVTEX għall-attivitajiet ta' esplorazzjoni madwar Kastellorizo għall-perjodu mill-21 ta' Lulju sat-2 ta' Awwissu 2020, u wara l-intervent tal-Kanċillier Ġermaniż Angela Merkel, il-President Erdoğan waqqaf il-missjoni tal-bastiment *Oruc Reis*, iżda fl-istess ħin ħareġ NAVTEX għat-tħaffir mill-bastiment *Barbaros* fiż-ŻEE ta' Ċipru;
- N. billi xi Stati Membri diġà ħadu d-deċiżjoni li jwaqqfu l-liċenzjar tal-esportazzjoni tal-armi lejn it-Turkija; billi dawk l-Istati Membri ħadu impenn favur pożizzjonijiet nazzjonali qawwija rigward il-politika tagħhom għall-esportazzjoni ta' armi lejn it-Turkija abbażi tad-dispożizzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK, inkluża l-applikazzjoni stretta tal-kriterju 4 dwar l-istabbiltà reġjonali;
- O. billi l-imġiba tat-Turkija, lil hinn mill-interessi ġeoekonomiċi tagħha, tirrifletti aġenda ġeopolitika aktar ambizzjuża biex tinfirex l-influenza tal-pajjiż mit-Tramuntana tal-Iraq u s-Sirja sal-Libja;
- P. billi t-Turkija għadha għaddejja bl-azzjonijiet militari illegali u unilaterali tagħha fil-Lvant tal-Mediterran li jmorru kontra s-sovranità tal-Istati Membri tal-UE (b'mod partikolari l-Greċja u Ċipru) u d-dritt internazzjonali;
- Q. billi fl-10 ta' Lulju 2020 il-President Erdoğan ittrasforma lil Haghia Sophia f'moskea, wara deċiżjoni tal-qorti li annullat id-digriet tal-1934 ta' Kemal Atatürk biex din tiġi trasformata f'mużew; billi din id-deċiżjoni ġiet ikkritikata bil-qawwa mill-UNESCO;
- R. billi r-rekord fqir tat-Turkija fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt wassal lill-UE biex tissospendi n-negozjati ta' adeżjoni u l-fondi kollha ta' qabel l-adeżjoni skont il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid 2021-2027;
- S. billi wara li esplora l-Lvant tal-Mediterran għal xahar, l-*Oruc Reis* ġabar il-kejbils tiegħu u reġa' lura lejn Antalya wara li skada n-NAVTEX tiegħu għall-ilmijiet bejn it-Turkija, Ċipru u Kreta li kien ilu fihom mill-10 ta' Awwissu 2020; billi l-bastiment, flimkien ma' skorta navali, kien mistenni jkompli jistħarreġ lil hinn mill-kosti tal-gżejjer Griegi ta' Kastellorizo u Rodi sal-25 ta' Settembru, u l-missjoni tiegħu ġiet allegatament sospiża minħabba l-isforzi ta' negozjar mibdija min-NATO;
- 1. Itenni l-importanza ta' relazzjonijiet tajba mat-Turkija bbażati fuq storja twila ta' valuri komuni; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Gvern Tork biex itemm il-vjolazzjonijiet ripetuti tal-ispace tal-ajru u tal-ilmijiet territorjali Griegi u Ċiprijotti, u biex jirrispetta l-

integrità territorjali u s-sovranità tal-pajjiżi ġirien kollha tiegħu; itenni, barra minn hekk, li l-UE tappoġġa lill-Greċja u lil Ċipru f'dan ir-rigward;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-attivitajiet illegali tat-Turkija fuq il-blata kontinentali u fiż-ŻEE tal-Greċja u Ċipru, li jmorru kontra l-interessi tal-UE, u jistieden lill-awtoritajiet Torok iwaqqfu dawn l-attivitajiet, jaġixxu fi spirtu ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien u jirrispettaw is-sovranità ta' Ċipru u l-Greċja f'konformità mad-dritt internazzjonali;
3. Jisħaq dwar il-ħtieġa li tiġi rispettata l-kapaċità legali tal-Istati Membri tal-UE li jikkonkludu ftehimiet internazzjonali ma' stati sovrani oħra u d-drittijiet sovrani tagħhom, li jinkludu, fost l-oħrajn, id-dritt li jiġu esplorati u sfruttati r-riżorsi naturali skont l-*acquis* tal-UE u d-dritt internazzjonali, inkluż l-UNCLOS;
4. Jappella għall-adozzjoni immedjata ta' elenkar addizzjonali għar-reġim eżistenti għal tħaffir illegali fil-Lvant tal-Mediterran, fid-dawl tal-eskalazzjonijiet suċċessivi ta' aggressjoni minn naħa tat-Turkija, u fin-nuqqas ta' progress, jitlob li tiġi żviluppata u diskussa lista oħra ta' miżuri restrittivi vis-à-vis t-Turkija fil-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Settembru 2020;
5. Jesprimi l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni permezz ta' mezzi diplomatiki, medjazzjoni u d-dritt internazzjonali; jinsab lest, madankollu, li jkompli javvanza sanzjonijiet immirati u effettivi u/jew miżuri settorjali kontra t-Turkija, inklużi dawk immirati lejn is-settur tal-enerġija;
6. Jistieden lill-fora rilevanti fi ħdan in-NATO, u speċjalment lit-Task Force ta' Livell Għoli dwar il-Kontroll tal-Armi Konvenzjonali, biex jiddiskutu b'urġenza l-kontroll tal-armi fil-Lvant tal-Mediterran.
7. Jilqa' l-istedina mill-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Greċja lit-Turkija biex tinneogzja b'rieda tajba d-delimitazzjoni marittima bejn il-kosti rispettivi tagħhom; jinnota li ż-żewġ gvernijiet urew li għadhom impenjati bis-sħiħ favur djalogu b'rieda tajba skont id-dritt internazzjonali u l-UNCLOS; jistieden lit-Turkija taċċetta s-sejħa tal-Gvernijiet tar-Repubblika ta' Ċipru u tal-Greċja biex jikkonkludu kompromess speċjali ħalli jippreżentaw il-kwistjoni tad-delimitazzjoni tal-blat kontinentali u ż-ŻEE rispettivi tagħhom quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja;
8. Jilqa' l-medjazzjoni Ġermaniża bejn il-Greċja u t-Turkija u jesprimi t-tamiet u l-kunfidenza tiegħu li din se twassal għal riżultat kostruttiv u aċċettat miż-żewġ naħat;
9. Itenni l-importanza ta' Ċipru u l-Greċja bħala pilastru Ewropej ta' stabbiltà fir-reġjun u fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE;
10. Ifakkar fil-kunsens politiku li ntlaħaq bejn il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE fis-27 u t-28 ta' Awwissu 2020, li f'konformità miegħu l-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill għandhom iħaffu x-xogħol biex iżidu individwi, fuq suġġeriment ta' Ċipru, mal-lista tar-reġim eżistenti għal dawk involuti fit-tħaffir illegali fil-Lvant tal-Mediterran, bil-għan li tiġi adottata malajr;
11. Itenni l-appell tiegħu lill-Gvern Tork biex jiffirma u jirratifika l-UNCLOS u jfakkar li għalkemm it-Turkija mhijiex firmatarja, il-liġi konswetudinarja tipprevedi żoni

ekonomiċi esklużivi anke għall-gżejjer mhux abitati;

12. Jinnota l-importanza kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri tagħha u għat-Turkija li jżommu djalogu u kooperazzjoni mill-qrib dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u ta' sigurtà; ifakkar li t-Turkija hija wkoll membru antik tal-alleanza tan-NATO u jinnota li l-UE u t-Turkija għadhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet ta' importanza strateġika (militari) fi ħdan il-qafas tan-NATO;
13. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni militari Torka fis-Sirja³ li fiha l-Parlament stieden lill-Kunsill jikkunsidra s-sospensjoni tal-preferenzi kummerċjali skont il-ftehim dwar il-prodotti agrikoli u, bħala l-aħħar rimedju, is-sospensjoni tal-unjoni doganali bejn l-UE u t-Turkija, fis-seħħ minn Diċembru 1995;
14. Jinsisti li l-memorandum ta' qbil tas-27 ta' Novembru 2019 bejn it-Turkija u l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali tal-Libja rikonoxxut min-NU, li jiddetermina delimitazzjoni marittima ġdida bejn iż-żewġ pajjiżi, jikser id-dritt internazzjonali u li għaldaqstant mhuwiex legalment vinkolanti għal stati terzi;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

³ Testi adottati, P9_TA(2019)0049.